



Brussell, 10 ta' Marzu 2026
(OR. en)

6653/1/26
REV 1

LIMITE

ENV 161
CLIMA 85

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	L-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni fil-qasam tal-klima għal wara l-2030 - Skambju ta' fehmiet

Bil-ħsieb tal-Kunsill (Ambjent) tas-17 ta' Marzu 2026, fl-Anness jinsab dokument ta' sfond mill-Presidenza b'mistoqsijiet lill-Ministri dwar is-suġġett.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jieħu nota ta' dan id-dokument ta' sfond u jibagħtu lill-Kunsill.

L-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni fil-qasam tal-klima għal wara l-2030

- *Skambju ta' fehmiet*

Kuntest

L-emenda għal-Liġi Ewropea dwar il-Klima¹ (l-"emenda għall-ECL"), inkluż il-ftehim dwar il-mira klimatika tal-UE għall-2040, tittratta l-aspetti ewlenin tal-qafas ta' politika tal-Unjoni dwar il-klima għal wara l-2030 u l-prinċipji għalih. F'konformità mal-programm ta' ħidma tagħha għall-2026, il-Kummissjoni mistennija tipproponi sett ta' proposti leġiżlattivi fit-tieni semestru tal-2026 li huma maħsuba biex tintlaħaq il-mira klimatika għall-2040. Dan ser jiżgura perkors kredibbli għall-UE lejn l-oġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050.

Lejn qafas leġiżlattiv għal wara l-2030

Sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-mira għall-2040, l-emenda għall-ECL tipprevedi flessibbiltajiet, li għandhom jiġu riflessi fil-proposti leġiżlattivi li ġejjin. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn:

- mill-2036, kontribut adegwat lejn il-mira klimatika għall-2040 ta' krediti internazzjonali ta' kwalità għolja, skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi, sa 5 % tal-emissjonijiet netti tal-UE tal-1990, li jikkorrispondu għal *tnaqqis* domestiku tal-emissjonijiet *netti* ta' gassijiet serra b'85 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990 sal-2040, b'mod li jkun ambizzjuż u kosteffiċjenti;
- ir-rwol tal-assorbimenti permanenti domestiċi fis-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) biex jikkumpensa għall-emissjonijiet residwi li diffiċli jitnaqqsu;
- flessibbiltà akbar fost is-setturi u l-istrumenti kollha u fi hndhom, biex jiġi appoġġat l-ilhug tal-miri b'mod sempliċi u kosteffettiv.

¹ L-abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1119 fir-rigward tal-istabbiliment ta' mira klimatika intermedja tal-Unjoni għall-2040 (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima), adottat mill-Kunsill fil-5 ta' Marzu 2026.

Barra minn hekk, l-assorbimenti tal-karbonju ser ikollhom jikkontribwixxu b'mod realistiku għall-isforz ġenerali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Fl-istess ħin, għandhom jitqiesu l-inċertezzi relatati mal-assorbimenti naturali, u għandu jiġi żgurat li n-nuqqasijiet possibbli ma jkunux għad-detriment ta' setturi ekonomiċi oħra, filwaqt li l-Istati Membri jitħallew jużaw assorbimenti naturali żejda biex jikkumpensaw għall-emissjonijiet tagħhom f'setturi oħra.

L-emenda għall-ECL issegwi l-gwida tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2025, li enfasizzaw li t-tiżni tal-kompetittività tal-Unjoni u l-avvanzar tat-tranżizzjoni ekoloġika huma objettivi ta' tiżni reċiproku li jridu jiġu indirizzati flimkien. F'dan il-kuntest, l-emenda għall-ELC tinkludi għadd ta' dispożizzjonijiet immirati biex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni li ġejja dwar il-klima tikseb trasformazzjoni li ser tkun ekwa, ġusta, prammatika, kosteffettiva u soċjalment ibbilanċjata u ser tqis l-ispeċifità nazzjonali differenti, filwaqt li tiżgura l-kompetittività u l-prosperità tal-Ewropa.

Qafas ta' politika għal wara l-2030

Il-qafas ta' politika li jmiss għal wara l-2030 ser ikopri, mil-lat tal-klima, ir-reviżjoni tal-EU ETS, ir-rwol tal-miri u l-flessibiltajiet klimatiċi nazzjonali għal wara l-2030, u l-użu possibbli ta' krediti internazzjonali ta' kwalità għolja. Barra minn hekk, il-qafas għal wara l-2030 ser jinkludi, mil-lat tal-enerġija, l-istabbiliment tal-oqfsa futuri tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza fl-enerġija u l-iżvilupp tal-infrastruttura u s-swieq tat-trasport tas-CO₂. Bħala parti mill-qafas il-ġdid, il-Kummissjoni ser tadotta wkoll proposta biex jiġi rivedut ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika (ir-"Regolament dwar il-Governanza").

Fil-kuntest tal-qafas għal wara l-2030, ċerti aspetti tad-Direttiva dwar l-EU ETS kif ukoll id-Deċiżjoni relatata dwar ir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (MSR) huma soġġetti għal rieżami sat-tielet trimestru tal-2026. F'dan il-kuntest, l-aġġustamenti potenzjali relatati mal-avjazzjoni, it-trasport marittimu u l-installazzjonijiet stazzjonarji ser jiġu vvalutati biex jiġi żgurat li l-EU ETS tkompli tikkontribwixxi bl-aktar mod kosteffiċjenti għall-obiettivi klimatiċi tal-UE. L-evalwazzjoni li għaddejja tad-Direttiva dwar l-ETS ser tipprovdi gwida importanti għall-Kummissjoni rigward ir-rieżamijiet li ġejjin. F'konformità mal-emenda għall-ECL, ir-reviżjoni għal wara l-2030 ser ikollha tinkorpora l-assorbimenti fl-EU ETS.

Ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, li jistabbilixxi miri nazzjonali vinkolanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għas-setturi barra mill-ETS1, u r-Regolament dwar l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) rigward l-assorbimenti tal-karbonju fis-settur tal-art ser jiskadu fl-2030. Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2026 jiskeda r-reviżjoni tal-miri u l-flessibiltajiet klimatiċi nazzjonali għall-aħħar trimestru tal-2026. Il-leġiżlazzjoni mistennija tindirizza l-isforzi nazzjonali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, il-kontribut tal-assorbimenti naturali kif ukoll industrijali tal-karbonju għall-objettiv klimatiku għall-2040, u l-flessibiltajiet fost is-setturi u l-istrumenti kollha u fi ħdanhom.

Barra minn hekk, u f'konformità mal-emenda għall-ECL, il-proposti leġiżlattivi li ġejjin ser jindirizzaw ukoll il-kontribut ta' krediti internazzjonali ta' kwalità għolja skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż ir-rwol tal-krediti internazzjonali fl-arkitettura ta' wara l-2030, ir-rabtiet ma' strumenti oħra u mekkaniżmu possibbli ta' xiri ta' kreditu. L-iżgurar tal-integrità ta' krediti bħal dawn ser ikun kunsiderazzjoni importanti u kruċjali biex jiġi żgurat li tintlaħaq il-mira tal-2040.

Ir-Regolament attwali dwar il-Governanza tal-2018 jistipula r-regoli għall-ippjanar, ir-rappurtar u l-monitoraġġ bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi klimatiċi u tal-enerġija tal-UE. Ir-reviżjoni ppjanata għall-aħħar trimestru tal-2026 ser tindirizza s-simplifikazzjoni tar-regolament, u tagħmlu adattat għall-perjodu ta' wara l-2030, u ssaħħaħ ir-rwol tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima bħala pjanijiet ta' investment robusti.

Peress li l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih iridu jimxu id f'id, il-Kummissjoni ser tipproponi wkoll qafas integrat għar-reżiljenza għall-klima, inkluż proposta leġiżlattiva. L-objettiv ewlieni tiegħu huwa li l-Ewropa tkun sostanzjalment imħejjija aħjar u aktar reżiljenti għall-impatti klimatiċi. Ser ikollu l-għan li jipromwovi fehim kondiviż tal-kundizzjonijiet klimatiċi futuri fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u jiżgura l-implimentazzjoni tar-reżiljenza għall-klima fis-setturi kollha. Dan ser jipprovdi għall-flessibiltajiet biex jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull Stat Membru.

Mistoqsijiet

Kif jista' l-qafas klimatiku għal wara l-2030 jappoġġa bl-aħjar mod l-investimenti fit-tranżizzjoni lejn ekonomija soċjalment ġusta, kompetittiva u dekarbonizzata u jassisti b'mod effettiv fit-twettiq tat-tnaqqis tal-emissjonijiet miftiehem fit-tnejn għall-2040?

Kif jistgħu l-flessibbiltajiet fost is-setturi kollha u fi ħdanhom jiġu integrati bl-aħjar mod fil-qafas għal wara l-2030, biex jiġi żgurat tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet fis-setturi kollha?

Kif jistgħu l-krediti internazzjonali jiġu integrati fl-arkitettura tal-politika dwar il-klima għal wara l-2030?